

31987L0566

L 342/32

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

4.12.1987

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI**li temenda d-Direttiva 77/535/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar metodi ta' teħid ta' kampjuni u analiżi ta' fertilizzanti**

(87/566/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 76/116/KEE tat-18 ta' Diċembru 1975 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar fertilizzanti ⁽¹⁾, u b'mod partikolari Artikolu 9(2) tagħha,

Billi d-Direttiva tal-Kummissjoni 77/535/KEE ⁽²⁾ tipprovdi għal kontrolli uffiċjali fuq fertilizzanti tal-KEE għall-għan li tiġi kkontrollata l-konformità mal-ħtiġiet imposti bid-dispożizzjonijiet tal-Komunità dwar il-kwalità u l-komposizzjoni ta' fertilizzanti, billi dik id-Direttiva għandha tiġi emendata billi taddatta Anness I, 'Metodu ta' teħid ta' kampjuni għall-kontroll ta' fertilizzanti' sabiex jkunu jstgħu jiġu kontrollati wkoll il-fertilizzanti fluwidi meta d-Direttiva 76/116/KEE dwar il-fertilizzanti tkun ġiet estiża għall-fertilizzanti fluwidi; billi nħass il-ħtieġa wkoll għal modifika għall-kontroll tan-nitrat ta' l-ammonju ⁽³⁾ ⁽⁴⁾;

Billi l-miżuri li għalihom hemm provdut f'din id-Direttiva huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat dwar l-Addattament għall-Progress Tekniku tad-Direttivi għat-tneħħija ta' ostakoli tekniċi għall-kummerċ tal-fertilizzanti,

Artikolu 1

Il-paragrafi fl-Anness għal din id-Direttiva huma miżjuda jew sostitwiti għal dawk bl-istess numri fl-Anness I tad-Direttiva 77/535/KEE.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux iktar tard mill-31 ta' Ottubru 1988 u għandhom jinfurmaw minnufih lill-Kummissjoni bihom.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw t-testijiet tad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazjonali li huma jadottaw fil-qasam irregolat b'din id-Direttiva lill-Kummissjoni.

Artikolu 3

Din id-Direttiva hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fl-24 ta' Novembru 1987.

Għall-Kummissjoni

COCKFIELD

Viċi-President

⁽¹⁾ ĠU L 24, tat-30.1.1976, p. 21.

⁽²⁾ ĠU L 213, tat-22.8.1977, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 250, tat-23.9.1980, p. 7.

⁽⁴⁾ ĠU L 38, tas-7.2.1987, p. 1.

ANNEX

“....

4.2.3 *Diviżur*

Jista' jintuża apparat imfassal sabiex jiddividi l-kampjun f'partijiet ugwali sabiex jittieħdu kampjuni biż-żieda u għat-thejjja ta' kampjuni mnaqqsa u finali.

4.3 **Apparat rakkomandat għat-teħid ta' kampjuni ta' fertilizzanti fluwidi**4.3.1 *Teħid manwali ta' kampjuni*

Tubu miftuħ, sonda, flixkun jew apparat xieraq ieħor li kapaċi jieħu kampjuni b'mod każwali mill- porzjon meħud bħala kampjun.

4.3.2 *Teħid mekkaniku ta' kampjuni*

Jista' jintuża apparat mekkaniku approvat għat-teħid ta' kampjuni minn fertilizzanti fluwidi li jiċċaqalqu.

...

5.2.1 *Fertilizzanti solidi jew fertilizzanti fluwidi sfużi f'reċipjenti ta' aktar minn 100 kg*

...

5.2.2. *Fertilizzanti solidi jew fertilizzanti fluwidi ppakkjati f'reċipjenti (= pakketti li kull wieħed minnhom ma jaqbiżx il-100 kg*

...

Numru minimu ta' pakketti li minnhom iridu jittieħdu kampjuni

4 kg

5.3.1. *Fertilizzanti solidi jew fertilizzanti fluwidi sfużi f'reċipjenti ta' aktar minn 100 kg*5.3.2 *Fertilizzanti solidi jew fertilizzanti fluwidi ppakkjati f'reċipjenti (= pakketti) li kull wieħed minnhom ma jaqbiżx il-100 kg*

...

5.3.3. *Kampjun ta' fertilizzant ta' nitrat ta' l-ammonju għal testijiet skond id-Direttiva 80/876/KEE, Anness II:* 75 kg5.4 **Kampjuni finali**5.4.1 *Fertilizzanti solidi u fluwidi*

...

5.4.2 *Kampjun ta' fertilizzant ta' nitrat ta' l-ammonju għal testijiet skond id-Direttiva 80/876/KEE*

Il-kampjun totali jagħti l-kampjuni finali wara tnaqqis meta dan ikun meħtieġ.

5.4.2.1. *Piż minimu u finali tal-kampjun għal testijiet ta' Anness I:* 1 kg5.4.2.2. *Piż minimu u finali tal-kampjun għal testijiet ta' Anness II:* 25 kg

...

6.1 **Ġenerali**

...

Fil-każ ta' fertilizzant fluwidu, jekk ikun possibbli, il-porzjon meħud bħala kampjun għandu jiġi mħallat qabel ma jittieħed kampjun.

...

6.2.1 *Fertilizzanti solidi jew fertilizzanti fluwidi sfużi f'reċipjenti ta' aktar minn 100 kg*

... Jekk ma jkunx possibbli li jiġu osservati l-ħtiġiet ta' 5.1 meta jittieħdu kampjuni minn fertilizzanti bil-kwantità jew fertilizzanti fluwidi ta' aktar minn 100 kg it-teħid ta' kampjun għandu jsir meta l-porzjon meħud bħala kampjun ikun qiegħed jiġi mċaqlaq (mgħobbi jew mhott)...

6.2.2 *Fertilizzanti solidi ippakkjati jew fertilizzanti fluwidi f'reċi pjeni (= pakketti) li kull wieħed minnhom ma jaqbiżx il-100 kg*

...

6.4 **Preparazzjoni tal-kampjuni finali**

...

Għat-testijiet fid-Direttiva 80/876/KEE il-kampjuni finali għandhom jinżammu f'temperatura ta' bejn 0 u 25°C.

...

9. **DESTINAZZJONI TAL-KAMPJUNI**

Għal kull porzjon ta' kampjun, għandu jintbagħat mill-inqas kampjun finali wieħed kemm jista' jkun malajr lil laboratorju analitiku awtorizzat jew lill-istituzzjoni ta' l-ittestjar bl-informazzjoni meħtieġa għall-analiżi jew għat-test."
